23 ta' Mejju, 1953.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Rosaria Grech *versus* Caterina Pulo

**Inġurja-Delitt u Inġurja-Kontravvenzjoni — Difett Fiżiku — Laqam — "Animus Injuriandi" — Art. 265 u 353 (e) tal-Kap. 12.**

*In linea ta' massima, meta persuna tgħajjar persuna oħra b'difett fiżiku, hemm inġurja.*

*Il-laqam, almenu lokalment, f'certi klassijiet soċjali ta' levatura umili hu ġeneralment derivat jew mill-pajjiż, divers minn Malta, li minnu bniedem ikun oriundo, jew minn raħal tal-familja oriġinarja tiegħu divers minn dak li joqgħod fih, jew mis-sengħa abitwali tiegħu jew tal-familja tiegħu, jew ikun xi isem bla sinifikat, ecc. Imma meta tissemma xi ħaġa li tikkostitwixxi difett fiżiku tal-bniedem, allura dan ma jkunx proprjament laqam, imma deskrizzjoni ta' bniedem b'difett fiżiku. U allura jiddependi mic-cirkostanzi li jkun tingħata dik id-deskrizzjoni biex wieħed jgħid jekk hemmx vjolazzjoni tal-liġi kriminali.*

*Tant l-inġurja kontemplata fl-ewwel subartikolu ta' l-art. 265 tal-Kodiċi Kriminali, kemm dik kontemplata fit-tieni subartikolu ta' l-istess artikolu, huma inġurja-delitt; l-ewwel waħda hija gravi jew speċifika, u t-tieni hija dik li dottrinalment tissejjaħ vaga jew ġenerika, li fiha l-"animus injurandi" huwa element meħtieġ, jiġifieri l-propożitu doluż, jew almenu l-koxjenza doluża, li l-kwerelat qiegħed jgħid xi ħaġa li tnaqqas l-istima u r-riputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilità tal-kwerelant, jew li tesponieh għad-disprezz. Imma jekk l-att tal-kwerelat ikun jikkonsisti fis-sempliċi volontarjetà li jgħid xi ħaġa li tinsulta lill-kwerelant, allura ikun hemm biss inġurja kontravvenzjonali, li hija dik kontemplata fl-art. 353 (e) tal-Kodiċi Kriminali.*

Fuq kwerela ta' Grech kontra Pulo talli din inġurjatha, Pulo giet misjuba ħatja b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Jannar 1953, taħt il-bażi għat-tieni subartikolu ta' l-art. 265 Kap. 12, li jikkontempla l-inġurji gravi, u kundannata għal piena tal-multa ta' 10s. u

għall-blas ta' l-ispejjeż proċesswali;

Il-kwerelata appellat;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni tikkonsisti filli, f'okkażjoni li fiha t-tfal tal-kwerelanti *kienu jgħajtu fi sqaq u qajmu t-tarbija* tal-kwerelata, din qalet "dawn it-tfal ta' Rosaria t-truxa";

In linea di massima, meta persuna tgħajjar oħra b'difett fiżiku, allura hemm inġurja (ara Carrara, Vol. III Parte Speciale, para. 1745, fuq l-awtorità tal-Hertius, Decisiones, Vol. 2, decis. 234, u ta' Strykio, De Jure Sensuum, disc. 2, Cap. 5, n. 4 — *insenjamenti adottati mill-ġurisprudenza nostrali*); u jingħad "in linea di massima", għax hu ta' min jikkunsidra l-prinċipji dottrinali Ingliżi, fis-sens li imputazzjonijiet simili huma inġurjużi meta jkunu ta' xorta tali li jġibu l-persuna milquta "in hatred, ridicule, or contempt", jew jeskluduha mis-soċjetà (bħal, per eżempju, tgħajjar bniedem *miġnun jew sifilitika*), *u mhux meta jagħmluha pjuttost* "an object of pity or sympathy"; u għalhekk ingħad illi "words which merely injure the feelings of a man or cause him annoyance, but in no way reflect on his character, are not libellous" (ara Gatley, On Libel and Slander, paġ. 29-32);

*F'dan il-każ id-difiża ssottomettiet li l-kwerelata ma għajritx* lill kwerelanti b'difett fiżiku, imma indikat it-tfal tal-kwerelanti b'dak li hu l-laqam ta' ommhom, u għalhekk ma hemmx inġurja;

Hu veru, skond il-provi, li fl-okkażjoni ta' dawn il-kliem ma kien hemm ebda ġlied jew inċident bejn il-kwerelanti u l-kwerelata, u *hu veru wkoll li minbarra* "Tal-Landiera" u "Taċ-Capi", hemm xi nies, tant adulti kemm tfal, li jafu lill-kwerelanti u jirriferixxu għaliha bħala "Tat-Truxa";

Issa, jekk wieħed jirrifletti, isib li, lokalment almenu, il-laqam f'ċerti klassijiet soċjali ta' levatura umili huwa ġeneralment derivat jew mill-pajjiż, divers minn Malta, li minnu bniedem ikun *orjundo (per eżempju l-Lixandrin, it-Tuniżin, eċċ.)*, jew mir-raħal tal-familja oriġinarja tiegħu, di-

vers minn dak li joqgħod fih (per eżempju l-Kalkariż, ecc.), jew mis-sengħa abitwali tiegħu jew tal-familja (per eżempju "Tal-Landiera", ecc.), jew ikun xi isem bla sinifikat (per eżempju "Taċ-Ċapi", ecc.), u "così via". Meta, però, tissemma xi ħaġa li tikkostitwixxi difett fiżiku tal-bniedem, bħal, per eżempju, Gużeppi l-Għama, Toni z-Zopp, ecc., allura dan ma hux proprjament laqam, imma hu "deskrizzjoni tal-bniedem b'difett tiegħu", u għalhekk jiddependi interament miċ-ċirkustanzi li fihom tingħata deskrizzjoni simili biex wieħed igħid jekk hemmx jew le vjolazzjoni tal-liġi kriminali". Jekk persuna tkun qiegħda titħaddet ma' oħra li qiegħda, per eżempju, tistaqsiha fejn joqgħod it-tali mastrudaxxa, bla ma tkun taf ismu jew dettalji oħra sufficjenti fuqu, u, bla publicità, u fin-nuqqas ta' ċirkustanzi li jistgħu jixħtu dawl ieħor sinistru, u unikament biex tipprova tindividwah, issemmi li hu zopp, allura difficilment wieħed isib reat f'dawk il-kliem; iżda fil-każ preżenti hemm żewġ ċirkustanzi li jiddifferenzjawh mill-każ innoċenti fuq prospettat, cioè (1) il-kwerelata setgħet indikat lill-kwerelanti billi tgħid "dawn it-tfal ta' Rosaria tal-Landiera", jew dawn it-tfal ta' Rosaria "taċ-Ċapi", u (2) minħabba li kienet riżentita li qajmulha t-tarbija jista' jkun li l-kwerelata għażlet dik id-deskrizzjoni, li kien fiha l-indikazzjoni ta' difett fiżiku, stante r-riżentiment tagħha;

B'dan kollu, iċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti għandhom jiġu ġustament differenzjati mill-każ li fih wieħed jgħajjar ieħor b'difett fiżiku "sic et similiter". Altru li, fi ġlieda bil-kliem, wieħed jgħajjar lil ieħor b'difett tiegħu fiżiku, per eżempju, "mur, ja għama", jew "mur, ja marid b'sidrek", ecc., u altru ċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti, li fihom, kif ingħad, il-kwerelata, imdejqa bit-tfal tal-kwerelanti li qajmulha t-tarbija, qalet "dawn it-tfal ta' Rosaria t-Truxa", u malli ndunat li t-tifel il-kbir ħa għalih u qalilha "truxa ommok", qaltlu, "skużani, għal darb'oħra". Hija żbaljat in kwantu għażlet li tindika lill-kwerelanti b'dik id-deskrizzjoni li ma setgħetx ma tissoponix li tikkaġuna dispjaċir lill-kwerelanti; imma hemm bejn iż-żewġ każijiet id-differenza li sejra tissemma;

Infatti hu paċifiku fil-ġurisprudenza li tant l-inġurja kontemplata fl-ewwel subartikolu ta' l-art. 265 Kap. 12, kemm dik kontemplata fit-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, huma l-"ingiuria delitto" (ara App. Krim. "Farrugia vs. Pace" 24. XI. 45, u "Mizzi vs. Attard" 19. XII. 45). L-ewwel waħda hija dik li dottrinalment tissejjaħ gravi jew speċifika, u t-tieni dik li dottrinalment tissejjaħ vaga jew ġenerika. Għat-tieni hemm bżonn l-element intenzjonali ta' l-"animus injuriandi". Issa, apparti li l-Maġistrat ċertament żbalja meta sab il-kwerelata ħatja skond l-ewwel subrtikolu ta' l-art. 265, mhux biss għax huwa ċert li l-inġurja ma kienetx speċifika u gravi, imma anki għax lanqas biss fil-kwerela ma kien hemm l-imputazzjoni ta' inġurja gravi, apparti dan, fiċ-ċirkustanzi speċjali ta' dan l-inċident wieħed ma jistax jgħid li kien hemm fil-kwerelata l-propożitu doluż, jew almenu l-koxjenza doluża li qiegħda tgħid xi ħaġa li tnaqqas l-istima u r-reputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilità tal-kwerelanti, jew li tesponiha għad-disprezz, imma huwa aktar ġust li jingħad li kien hemm fiha dik il-volontarjetà li tgħid ħaġa li tinsulta lill-kwerelanti. Fi ftit kliem, il-kwerelata irrabjat għax it-tfal tal-kwerelanti bl-għajjat tagħhom qajmulha t-tarbija, u meta skopriet min kienu t-tfal li kienu qegħdin jgħajtu ħdejn biebha, qalet li kienu t-tfal tal-kwerelanti, u fir-riżentiment tagħha, flok ma għażlet li tindika lill-kwerelanti biż-żewġ laqmijiet li din għandha, għażlet li tindikaha b'kelma li hija indubbjament insolenti għall-indirizz tal-kwerelanti. Għalhekk din il-Qorti tara, fil-każ in ispeċje, mhux l-"inguria delitto" ta' l-art. 265 Kap. 12, imma l-"inġurja kontravvenzjonali" kontemplata fis-subparagrafu (e) ta' l-art. 353 bil-kliem "utters insults........... not otherwise provided for in this Code..........";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi:

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li, minflok issib lill-kwerelata ħatja ta' inġurja speċifika u gravi, kif sabha l-Maġistrat, skond l-art. 265 (1) Kap. 12, issibha ħtja biss ta' insult kontravvenzjonali in bażi għall-art. 353 (e) Kap. 12, u tbiddel il-piena tal-multa fil-piena tar-riprensjoni u ammo-

nizzjoni;

Kwantu għall-ispejjeż, peress li kull waħda mill-partijiet hir sokkombenti f'sens u rebbieħa f'ieħor, tordna li dawn l-ispejjeż, kemm ta' l-ewwel kemm tat-tieni istanza, jitħallsu terz mill-kwerelanti u żewġ terzi mill-kwerelata appellanti. Onorarju tad-difensuri 8s. kull seduta għal dawk tas-7 ta' Marzu u 11 ta' April 1953, u għal dik tal-lum, u 12s. kull seduta għal dawk tal-21 ta' Marzu u 2 ta' Mejju 1953.